# LEĦEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

JANNAR 1939 ] IT-TMIEN SENA [ Għadd 95


## LILL-KITTIEBA Ż-ŻGĦAŻAGĦ

Ħaġa li tgħaġġbek: kull żagħżugħ li jitħajjar jikteb bil-Malti aktarx li jibda jitħarreġ bil-poeżija. Il-proża ftit iqisuha. Sikwit jaslulna, biex inġibuhom hawn, poeżijiet li juru li għadhom l-ewwel taħriġ. Mnejn hu ġej dan? Għaliex kulħadd irid jimxi fit-triq tal-poeżija, u ħadd jew ftit fit-triq tal-proża?

Jekk m'aħniex imqarrqin, dan ġej minn aktar minn għajn waħda. L-ewwelnett, il-poeżija, sabiħa minnha nfisha, f'dawn l-aħħar snin, mirquma b'sengħa ta' reqqa kbira, aktar żdiedet fil-ġmiel, u ma jistax ikun li ma jissaħħarx warajha kull min għandu qalb tħabbat ġo fih, u aktar u aktar iż-żgħażagħ fl-ewwel ftuħ ta' qalbhom għall-ġmiel tal-ħajja. Għalhekk dawn togħġobhom il-poeżija aktar mill-proża. Aktar, il-kitba tal-poeżija hi tqila, trid sengħa, trid sabar, trid dehen, u dan iżid iħajjar iż-żgħażagħ biex juru ħilithom, bla ma jqisu t-tfixkil u t-tiġrif. Iżjed, il-poeżija fiha taħbit il-moħħ bit-taqsim ta' versi, għadd ta' sillabi u taqbil ta' rimi, u dan ukoll naħsbu li jżid ikebbes fiż-żgħażagħ ix-xrara tal-poeżija.

Iżda ma naħsbux li kulħadd għandu fih dak li jagħmel il-poeta, u għalhekk wara l-ewwel tiġrib fit-triq tal-poeżija, bit-tfixkil u bl-uqigħ li jiġib miegħu, jew iż-żagħżugħ jaqta' qalbu u jitlaq il-kitba għal kollox, jew jibqa' hemm fejn beda bla ma jiflaħ jimxi aktar il-quddiem.

Bla ma rridu naqtgħu qalb lil dawk iż-żgħażagħ li jħossu xejra għall-poeżija, irridu nħajjruhom biex jaħdmu aktar fil-qasam tal-proża li għadu mhux maħdum biżżejjed. Il-proża għandha wkoll il-ġmiel tagħha, trid xogħol, taħbit, sengħa u dehen. Il-proża tajba hija ftit; il-proża letterarja għadha ma wrietx is-setgħat kollha li għandha; għadha bħal warda magħluqa li minnha ma nfetħux ħlief ftit tebqât. Għalhekk nixtiequ li ż-żgħażagħ jidħlu aktar għal dil-kitba. Novelli, rakkonti, deskrizzjonijiet, ittri, *essays*, drammijiet, taħditiet bejn tnejn, ħrejjef, kollox jista' jagħni, isebbaħ u jżejjen din il-fergħa tal-letteratura tagħna.

Imma l-kitba trid it-thejjija. Barra mill-ħażna ta' ħsebijiet li wieħed irid ifisser, tinħtieġ ukoll ħażna ta' kliem li jaqbel ma' kull ħsieb u ma' kull naqxa ta' ħsieb li għandu jitfisser; tinħtieġ sengħa li tagħraf tagħżel il-kliem, tqassmu u ddommu f'sentenzi u perijodi meqjusin u mqabblin fid-daqqa tagħhom mal-mixja tal-ħsieb; tinħtieġ dik ix-xeħta li taf tagħti ħajja lil kull ħaġa li tikteb fuqha. U dan kollu ma jiġix waħdu u anqas ma jiġi f'daqqa, imma biż-żmien, bit-taħriġ, bil-qari ta' kitba tajba, bix-xogħol u bis-sabar. Is-sabar jirbaħ kull tfixkil, u min ma jaqtax qalbu għax ma jsirx kittieb kbir mill-ewwel, imma jibqa' jitħarreġ u jiġġarrab, saflaħħar jasal fejn waslu oħrajn qablu li mxew minn dik it-triq.